DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1742

tal-20 ta' Novembru 2020

dwar ċerti miżuri protettivi fir-rigward ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fir-Renju Unit

(notifikata bid-dokument C(2020) 8265)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha, flimkien mal-Artikolu 131 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Ftehim dwar il-Ħruġ"),

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbli għall-kummerċ intra-Unjoni ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha, flimkien mal-Artikolu 131 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ,

Billi:

(1) L-influwenza avjarja hija marda virali infettiva fl-għasafar, inkluż il-pollam. L-infezzjonijiet bil-viruses tal-influwenza avjarja fil-pollam domestiku jikkawżaw żewġ forom ewlenin ta' dik il-marda li jvarjaw fil-virulenza tagħhom. Il-forma b'patoġeniċità baxxa ġeneralment tikkawża biss sintomi ħfief, filwaqt li l-forma b'patoġeniċità għolja twassal għal rati ferm għoljin ta' mortalità fil-biċċa l-kbira tal-ispeċijiet tal-pollam. Il-marda jaf tħalli impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-pollam u tikkawża tfixkil tal-kummerċ fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

(2) Mill-2005 'l hawn, il-viruses tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) tas-sottotip H5 urew li kapaċi jinfettaw lill-għasafar migratorji, u mbagħad dawn jistgħu jxerrdu dawn il-viruses fuq distanzi twal tul il-migrazzjonijiet tagħhom tal-ħarifa u tar-rebbiegħa.

(3) Il-preżenza ta' viruses tal-HPAI fl-għasafar selvaġġi hija theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta' dawn il-viruses fl-azjendi fejn jinżamm il-pollam jew fejn jinżammu għasafar tat-trobbija oħra.

(4) Fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI, hemm riskju li l-aġent tal-marda jinfirex f'azjendi oħra fejn jinżamm il-pollam jew fejn jinżammu għasafar tat-trobbija oħra.

(5) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([3]) tistabbilixxi ċerti miżuri preventivi relatati mas-sorveljanza u mad-detezzjoni bikrija tal-influwenza avjarja u miżuri minimi ta' kontroll li jridu jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa ta' dik il-marda fil-pollam jew f'għasafar tat-trobbija oħra. Dik id-Direttiva tipprevedi l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI. Din ir-reġjonalizzazzjoni tiġi applikata b'mod partikolari biex jiġi ppreservat l-istatus tas-saħħa tal-għasafar fil-kumplament tat-territorju tal-pajjiż permezz tal-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-aġent patoġeniku u l-iżgurar tad-detezzjoni bikrija tal-marda.

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16).

(6) F'Novembru 2020, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H5N8 fit-territorju tiegħu, f'azjenda fejn jinżamm il-pollam jew għasafar tat-trobbija oħra fil-kontej ta' Cheshire u Herefordshire, u minnufih ħa l-miżuri meħtieġa skont id-Direttiva 2005/94/KE, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza.

(7) Il-Kummissjoni eżaminat dawk il-miżuri b'kollaborazzjoni mar-Renju Unit, u ħarġet sodisfatta li l-fruntieri taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit, jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-istabbilimenti fejn ġew ikkonfermati t-tifqigħat.

(8) Għall-prevenzjoni ta' kull tfixkil bla bżonn tal-kummerċ fl-Unjoni u għall-evitar ta' ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ imposti minn pajjiżi terzi, jeħtieġ jiġu deskritti malajr iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti fir-rigward tal-HPAI fir-Renju Unit fil-livell tal-Unjoni.

(9) Għaldaqstant, iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fir-Renju Unit, fejn qed jiġu applikati l-miżuri ta' kontroll għas-saħħa tal-annimali stipulati fid-Direttiva 2005/94/KE, jenħtieġ ikunu ddefiniti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni u d-durata ta' dik ir-reġjonalizzazzjoni jenħtieġ li tiġi stipulata.

(10) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1654 ([4]), li ġiet adottata wara n-notifika mir-Renju Unit f'Novembru 2020 dwar it-tifqigħa fil-kontea ta' Cheshire, u aktar tard ġiet emendata wara n-notifika tat-tifqigħa fil-kontea ta' Herefordshire, jenħtieġ li titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Renju Unit għandu jiżgura li ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2005/94/KE jkunu jinkludu għall-inqas iż-żoni elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1654 titħassar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1654 tas-6 ta' Novembru 2020 dwar ċertu miżuri protettivi interim fir-rigward ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fir-Renju Unit (ĠU L 372, 9.11.2020, p. 52).

ANNESS

PARTI A

Żona ta' protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 1:

Ir-Renju Unit

Żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2005/94/KE
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Cheshire (kodiċi ADNS 00140) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N53.25 u W2.81	27.11.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Herefordshire (kodiċi ADNS 00051) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.17 u W2.81	8.12.2020

PARTI B

Żona ta' sorveljanza kif imsemmi fl-Artikolu 1:

Ir-Renju Unit

Żona li tinkludi:	Id-data sa meta applikabbli f'konformità mal-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/94/KE
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Cheshire (kodiċi ADNS 00140) li twassal lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N53.25 u W2.81	6.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Cheshire (kodiċi ADNS 00140) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N53.25 u W2.81	Mit-28.11.2020 sas-6.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Herefordshire (kodiċi ADNS 00051) li twassal lil hinn miż-żona deskritta fiż-żona ta' protezzjoni u f'ċirku b'raġġ ta' għaxar kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.17 u W2.81	17.12.2020
Dawk il-partijiet mill-kontea ta' Herefordshire (kodiċi ADNS 00051) li jinsabu f'ċirku b'raġġ ta' tliet kilometri, iċċentrati f'WGS84 koordinati dek. N52.17 u W2.81	Minn 9.12.2020 sa 17.12.2020